## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JOHN SAID (KI. 309470M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14/02/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil John Said** **Bin Publio u Josephine nee’ Attard mwieled fis-17/07/1970 Pieta’ u joqghod Aleluca, Triq is-Sibbiena, Naxxar ID: 309470(M)**

**BILLI inti akkuzat/a** talli fis-06/02/2022 ghall-habta ta’ 23:36 hrs gewwa Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni GGV 514;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. **Art. 15(1)(a)(3), Chap. 65**
2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz. **Art. 15(1)(a)(2) Chap. 65**
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bla kont. **Art. 15(1)(a)(2) Chap. 65**
4. Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi **Sec. 15A(1), Chap. 65**
5. Inqast jew irrifjutajt li taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina **Sec. 15(E), Chap. 65**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PS 55 Iman Cutajar (affidavit) u PC 1412 Paul Theuma (affidavit).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavits ta' PS 55 Iman Cutajar u PC 1412 Paul Theuma illi l-uffiċjali tal-Pulizija msemmija rrikorrew fuq il-post indikat fiċ-ċitazzjoni ossia' quddiem il-lukanda Bellavista fi Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar u dan wara li kienu għadhom kemm rċevew rapport ta' inċident stradali fejn vettura baqgħet dieħla ġo siġra. Fuq il-lok huma sabu l-vettura Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni GGV514 li kienet qed tagħlaq il-karreġġjata li twasslek sal-Qawra. Bilqiegħda fuq is-*seat* tax-xufier kien hemm l-imputat li kien rieqed. Dan tqajjem mill-Pulizija u meta ġie mistoqsi x'kien qed jagħmel hemm huwa wieġeb li ħareġ il-Belt u kien sejjer lejn id-dar tiegħu (Baħar iċ-Ċagħaq) u ma jafx kif spiċċa hemmhekk. Ix-xufier beda jħawwad fil-kliem u beda jitlef il-bilanċ. Għalhekk għall-ħabta ta' 23.36 hrs PS 55 infurmah li ser isirlu *test* tal-*breathalyser*. Skond l-istess uffiċjal huwa ġie mgħarraf bid-dritt li jkun assistit minn avukat. L-imputat qal lill-uffiċjali li kien jaf li għamel ħażin iżda ma kienx hemm ħtieġa li jagħmel it-test u għalhekk irrifjuta li jagħmlu.

Waqt is-seduta tal-14 ta' Frar 2023 il-Qorti tat aċċess lill-partijiet għall-filmat tal-*body cam* li ġie esebit mill-Prosekuzzjoni u li sar riferenza għalih fl-affidavit ta' PS 55 Cutajar. Dan il-filmat filfatt ittieħed mill-*body cam* li kienet fuq l-istess PS 55 fil-ħin tal-allegat reati kommessi mill-imputat. Il-Qorti setgħet tikkonstata personalment mill-filmat dak li ġie ddikjarat fl-*affidavits* tal-Pulizija fejn jidher li l-vettura in kwistjoni kienet tabilħaqq qed tagħlaq parti sostanzjali mill-karreġġjata li tagħti għal Qawra ġewwa Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar. Il-vettura kienet qed tagħlaq ukoll l-entratura tal-*garage* tal-lukanda Bellavista. Fuq is-seat tax-xufier tabilħaqq kien hemm l-imputat li kien rieqed qabel ma ġie mqajjem mill-Pulizija. Meta eventwalment ix-xufier qam minn bilqiegħda u qagħad bilwieqfa fil-ġenb tat-triq huwa qal li ma jafx kif ħabat ġos-siġra. Inċidentalment mill-filmat in kwistjoni ma jidhirx li hemm provi ta' din l-allegat ħabta. Ta interess huwa illi meta ġew l-infermiera fuq il-post, fuq mistoqsija ta' waħda minnhom dwar x'kien qed jagħmel hemm l-imputat stqarr illi huwa kien qed <u>**isuq**</u> il-vettura in kwistjoni.

<u>**Fil-waqt tal-ġbir tal-provi d-difiża ddikjarat ukoll illi ma kienetx qed tikkuntesta l-fatt illi l-imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma' ġie mistoqsi jekk riedx jissottometti ruħu għat-test tal-*breathalyser*.**</u>

Fit-trattazzjoni l-abbli avukat difensur tal-imputat stqarr illi fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet il-Prosekuzzjoni ma'ressqitx prova sufficjenti dwar is-sewqan u għalhekk għandu jiġi liberat minnhom. Il-Qorti taqbel ma dan l-argument u filfatt sejra tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet imsemmija u dan nonostante l-fatt illi mill-filmat jidher u jinstema li l-imputat b'mod każwali filwaqt li kien qiegħed ikellem lil infermiera fuq il-post qalilha li kien qiegħed isuq.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru erbgħa u ħamsa l-avukat difensur tenna illi anke hawnhekk il-Prosekuzzjoni naqset tipprova illi l-imputat kien qiegħed isuq, jipprova isuq jew inkella li kellu l-kontroll tal-vettura in kwistjoni ġaladarba dan instab rieqed fl-istess vettura.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Gorg Vella** (Numru 22/2014, Prim' Imħallef Emeritus Silvio Camilleri, 11/07/2014):

> *"Jista wkoll jiżdied li l-imputazzjoni taħt l-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 hija kumbinazzjoni ta' żewġ reati maħsuba fl-artikolu 4(1)(2) tar-Road Traffic Act 1988 Ingliża fejn dak li fit-test Malti hu espress bil-frażi "ikollha l-kontroll" hu espress fit-test Ingliż bħala "in charge" li hi l-istess frażi użata fit-test Ingliż tal-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65. Din il-frażi "in charge" ġiet interpretata mill-Qrati Ingliżi fis-sens li sabiex persuna tkun "in charge" ta' vettura anqas hu biss neċessarju li tkun fiżikament tinsab ġewwa l-vettura[1]. B'riferenza għar-reat taħt l-artikolu 5 tar-Road Traffic Act 1972 li hu ekwivalenti għall-artikolu 4(1)(2) tar-Road Traffic Act 1988 ġie ritenut li:*
>
> *"Therefore a defendant can be 'in charge' although neither driving nor attempting to drive. Clearly however the mischief aimed at is to prevent driving when unfit through drink. The offence of being 'in charge' must therefore be intended to convict those who are not driving and have not yet done more than a preparatory act towards driving, but who in all the circumstances have already formed or may yet form the intention to drive the vehicle, and may try to drive it whilst still unfit."*[2]

Fil-fehma tal-Qorti, li kif ingħad kellha l-opportunita' li tara hi stess il-filmat tal-*body cam* tal-Pulizija, jidher ċar illi għalkemm l-imputat ma kienx qiegħed isuq u filfatt kien rieqed,

---

[1] Ara *Leach v Evans* [1952] 2 All ER 264; *Haines v Roberts* [1953] 1 WLR 309; *Morton v Confer* [1963] 1 WLR 763 u oħrajn
[2] *Director of Public Prosecutions v Watkins* [1989] QB 821

madanakollu il-posizzjoni tiegħu wara l-*isteering* (u liebes iċ-ċintorin tas-sigurta') **flimkien mal-posizzjoni fejn instabet il-vettura** juri bla ebda dubbju illi huwa effettivament kien fil-kontroll tal-istess vettura f'għajnejn il-liġi.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alexia Falzon** (Appell Kriminali, Appell Nru. 101/2017 EG, 03/05/2019) ingħad illi:

> *"Illi l-gurisprudenza tghallem li: "Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C.*
>
> *Illi l-gurisprudenza tghallem ukoll li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:*
>
> *Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."*

Mill-filmat tal-*body cam* il-Qorti setgħet tikkonstata illi l-komportament (konfużjoni fid-diskors, kliem mhux dejjem ċar, etc) u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq (xengil eċċessiv tar-ras) kienu tali illi jindikaw b'mod qawwi illi huwa kien fi stat ta' intossikazzjoni. Għalhekk ir-raba' imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni darba ġie ddikjarat mid-difiża illi ma kienetx qed tikkuntesta l-fatt illi l-imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta avukat (filfatt huwa rrifjuta dan id-dritt billi qal illi ma kienx ħin illi jċempel lill-avukat) qabel ma ġie amministrat lilu t-*test* flimkien mal-fatt imniżżel fl-*affidavits* tal-Pulizija dwar li ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu u bil-konsegwenzi jekk huwa jirrifjuta li jagħti l-kampjun tan-nifs, allura l-mument illi huwa rrifjuta li jagħti l-kampjun huwa kkommetta r-reat ravviżat fl-Art. 15E(4) tal-Kap. 65.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn u tlieta, wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe l-Art. 15(1) u l-Art. 15E(4) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta ssibu ħati tal-imputazzjonijiet numru erbgħa u ħamsa u għalhekk timmultah is-somma ta' elfejn euro (€ 2,000). B'żieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15H(2) il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat mill-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |